Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 (imsejħa b' urġenza) tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju 2014 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sur. Christian Falzon |
| Skuzata | Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

1.1 Is-Sindku beda l-laqgħa tal-Kunsill billi semma li din il-laqgħa kienet qed issir sabiex jiġu ċċarati diversi affarijiet li hemm diffikulta fuqhom fil-laqgħa preċedenti.

1.2 Is-Sindku qal li l-Kunsilliera ma jistgħux jkunu negattivi fuq xi ħaġa fejn huma stess diġa ħadu deċizjoni waqt laqgħa tal-Kunsill. Huwa wissihom li dak li jintqal waqt laqgħa għandu forza legali.

1.3 Is-Sindku qal li fuq l-items l-oħra li kienu diskussi fil-laqgħa preċedenti jidher li ma kienx hemm il-bzonn li dawn jerġgħu jkunu diskussi billi kien intlaħaq qbil fuqhom, għalhekk huwa qal li se jkunu diskussi dawk l-items tar-restawr taċ-Ċimiterju u l-pagamenti billi huwa qal li kienet tal-mistħija kif kienet indirizzata l-aħħar laqgħa fin-nuqqas tiegħi.

1.4 Fuq ir-restawr taċ-Ċimiterju huwa qal li kien hemm 4 offerti li kienu diskussi waqt il-laqgħa ta' Settembru tas-sena l-oħra. Huwa qal li l-Kunsill dakinhar kien ivvota unanimament għal orħos offerta. Huwa qal li meta kien saqsa lis-Segretarju fuq dawn l-offerti dan ma rrejalizax mill-ewwel għal dan l-item, imbagħad sabhom wara waqt li fittex fil-minuti. Is-Sindku qal li kien hemm misunderstanding minn naħa tas-Segretarju fejn kien iċċarat meta tfittxew il-minuti ta Settembru tas-sena l-oħra.

1.5 Is-Sindku qal li fuq ir-restawr taċ-Ċimiterju huwa kien applika għal Euro 10,000 imma l-Kunsill ingħata biss Euro 4,500 fejn fl-applikazzjoni ma kienx mitlub li għandu jagħmel l-istatwi ukoll. Li kieku kien hemm fondi bizejjed dawn kienu jsiru wkoll.

1.6 Il-Kunsillier Caruana qal li l-faċċata trid tizzarma u jinbidel ħafna minnha. Huwa qal li jixtieq li jkollu appuntament mal-Perita sabiex jkun jista jiddiskuti aħjar x se jsir mal-Perita. Is-Sindku qal lis-Segretarju sabiex jkun jista jiġi ikkordinat dal-meeting.

1.7 Il-Kunsillier Camilleri semma li kull darba li jkun hemm talba biex jingħata rendikont tad-dħul fix-xahar tal-Kunsill Lokali dan qatt ma jingħata. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jkollux dħul kbir speċjalment meta issa ilhom li spiċċaw il-ġbir tal-Kunsill mill-wardens fuq iċ-ċitazzjonijiet. Is-Segretarju qal li għal dan ix-xahar id-dħul kien jammonta madwar Euro 1,540, imma l-Kunsillier Camilleri insista li dan ir-rendikont ikun provdut bil-miktub.

1.8 Il-Kunsillier Caruana qal li l-ammont li kien hemm sabiex inbidel s-Salib li kien waqa minħabba l-inċident ta Valletta Road kien għoli. Is-Sindku qal li dawn il-flus se jkunu rifuzi u fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill mhu se joħroġ xejn. Is-Segretarju qal li huwa għandu koferma b' email minn naħa tal-Insurance fuq dan li għadu kif intqal. Huwa qal li l-Insurance stess kienet ippruvat iġġib prezz differenti u ma rnexilix u tat il-go ahead lill-Kunsill.

1.9 Il-Kunsillier Falzon qal li l-invoice li kien hemm ipprezentata fuq dan ix-xogħol ma kinitx iffirmata, kif suppost. Is-Segretarju qal li huwa se jerġa jkellem lill-kuntrattur sabiex jipprovdi invoice kif suppost.

1.10 Kien hemm qbil fuq l-iskeda tal-pagamenti tax-xahar ta qabel unanimament peress li s-Sindku spjega fid-dettal dawk id-diffikultajiet li nqalgħu waqt il-laqgħa preċedenti.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju 2014 fis-6.30 pm. Kien hemm data tat-Tlieta 17 ta' Ġunju proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2014.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv